Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

15 ta' Ġunju, 2001

ATT Nru. XIV ta' l-2001

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Erarju, Kap. 62

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2001 biex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Erarju, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Erarju, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 62.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Dazju ġdid jew miżjud.

2. (1) Kull meta Ministru jagħti avviż lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati ta' abbozz ta' liġi dwar dazju ġdid jew dwar żieda ta' dazju li ġà jkun hemm, dak id-dazju ġdid jew dik iż-żieda ta' dazju għandhom jittieħdu u jinġabru, minn dik l-awtorità li tiġi stabbilita fl-abbozz bħala responsabbli għall-ġbir relattiv minn dak in-nhar li tinħareġ Proklama biex tgħarraf li ħareġ avviż kif imsemmi qabel.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Att il-kelma "dazju" tfisser u tinkludi kull taxxa, minkejja kif din tista' tissejjaħ, li tinġabar fuq oġġetti jew servizzi meta dawn jiġu importati, manifatturati jew provvisti skond il-każ, kif ukoll kull taxxa, ħaraġ, ħlas, kontribuzzjoni, nol jew imposta oħra u b'mod ġenerali kull dħul li jista' jkun dovut lill-Gvern jew lil xi Korporazzjoni jew Awtorità mwaqqfa b'liġi.".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

3. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kontrullur jew kull min ikollu awtorità taħt xi liġi li jkollha x'taqsam mal-ġbir ta' xi dazju, jista' bl-istess mod, matul kull perijodu kif imsemmi qabel, jirrifjuta li jippermetti li jittieħed xi prodott jew li jinħarġu faxex, bolol jew ċertifikati li jkunu jindikaw li sar il-ħlas ta' dazju dwar kwantitajiet li jkunu iżjed minn dawk li fil-fehma tiegħu jkunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 546 ta' l-4 ta' Ġunju, 2001.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati